MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 456/2002/1

**D.I. Limited**

**Vs**

**Card Services Limited u b'digriet tal-4 ta' Gunju 2002, gie mibdul f'Bank of Valletta plc**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta' D.I. Limited, fejn din wara li ppremettiet illi:

Fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, skond ftehim bejn il-partijiet datat id-disgha (9) ta' Lulju, 1998 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A), is-socjeta' attrici ssupplixxiet lis-socjeta' konvenuta hamsin (50) 'Omero Top Terminals' u 'Telemanagement Software' ghal perjodu ta' tlett (3) xhur taht skema ta' 'pilot project'

miftiehem bejn il-partijiet permezz ta’ l-istess ftehim fuq imsemmi.

Skond l-istess ftehim, kien miftiehem bejn il-partijiet illi jekk fil-perjodu fuq imsemmi ta’ tlett (3) xhur, il-prodott ikun sodisfacjenti *ai termini* tal-ftehim *de quo*, il-kundizzjonijiet l-ohra kollha tal-ftehim kellhom jidhlu fis-sehh immedjatament, u konsegwentement is-socjeta’ konvenuta kien ikollha thallas lis-socjeta’ attrici l-prezz miftiehem ghal hamsin (50) it-‘terminal’ gia kkonsenjati lilha, oltre li takkwista u tixtri, fuq medda ta’ hames snin, ir-rimanenti erba’ mija u hamsin (450) *terminal* ohra kif obbligat ruhha taghmel, u dan taht il-kundizzjonijiet u bil-prezz miftiehma fl-istess ftehim.

Permezz ta’ ittra datata is-sebgha (7) ta’ Dicembru, 1998 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B), is-socjeta’ konvenuta qabdet u minghajr ebda raguni valida fil-fatt u fid-dritt unilateralment itterminat il-ftehim fuq imsemmi u dan bi ksur ta’ l-istess ftehim.

Minhabba dan l-agir da parti tas-socjeta’ konvenuta, is-socjeta’ attrici soffriet danni ingenti.

Is-socjeta’ konvenuta lanqas ma hallset il-fattura numru 99/00052 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument C) ghall-ammont ta’ hdax-il elf u hames mitt Liri Maltin (Lm11,500) rapprezentanti prezz ghal hamsin (50) it-*terminal* li gew supliti lilha mis-socjeta’ attrici kif fuq inghad, u dan kif kienet obbligata taghmel skond il-ftehim *de quo*.

Talbet is-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta’ konvenuta tterminat unilateralment u minghajr raguni valida fil-fatt u fid-dritt il-ftehim iddatat id-disgha (9) ta’ Lulju, 1998.

2. Tiddkjara u tiddeciedi illi b’konsegwenza tat-terminazzjoni unilaterali u minghajr raguni valida ta’ l-imsemmi ftehim da parti tas-socjeta’ konvenuta, is-

socjeta' attrici soffriet id-danni li ghalihom is-socjeta' konvenuta hija unikament responsabbli.

3. Tillikwida, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, id-danni kkagunati lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta minhabba li dina tterminat unilateralment il-ftehim *de quo* minghajr raguni valida.

4. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici d-danni hekk likwidati.

5. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas ukoll lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax-il elf u hames mitt *Liri Maltin* (Lm11,500) rapprezentanti prezz ta' hamsin *terminal* li gew konsenjati lis-socjeta' konvenuta skond il-ftehim *de quo*, kif jirrizulta mill-fattura numru 99/00052.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' Bank of Valletta plc wara l-amalgamazzjoni tas-socjeta' Card Services Limited mas-socjeta' Bank of Valletta plc, fejn din eccepiet illi:

Preliminarjament is-socjeta' Card Services Limited ma tezistix u ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha qabel xejn tirregola ruhha fir-rigward.

Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, mhux minnu illi s-socjeta' Card Services Limited kienet inadempjenti fl-obbligi kontrattwali taghha. Infatti l-imsemmija socjeta' aggixxiet fit-terminu tal-ftehim tad-9 ta' Lulju, 1998 li jistipula:

"*In the event of an unsatisfactory outcome to the pilot project (determined by the criteria of : MTBF less than 3 years, and/or non compliance with agreed specifications) it is understood and agreed that CSL will be entitled to return the 50 terminals supplied under the pilot project scheme, without any obbligation or charge, and also consider the entire order as cancelled*."

Kif ahjar se jirrizulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-imsemmija kriterji ma gewx soddisfatti u kien hemm

diversi difetti fit-terminals *de quo* u dan kif ukoll jidher mir-rapporti teknici ta' l-esperti fil-materja Sterling Enterprises Technology Services tat-8 ta' Marzu, 1999 u tal-15 ta' April, 1999 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. "SET1" u "SET2". Ghalhekk is-socjeta' eccipjenti kienet intitolata tirritorna l-hamsin terminal lilha supplit kif ukoll tikkonsidera l-ftehim terminat minghajr ebda obbligazzjoni kif imsemmi.

Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, jekk is-socjeta' attrici, qed issostni fir-raba' paragrafu tad-Dikjarazzjoni taghha, illi t-terminazzjoni ta' l-istess ftehim kien affett b'qerq jew b'xi kulpa aquiliana, allura t-talbiet attrici huma preskritti bil-preskrizzjoni ta' sentejn.

Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza jirrizulta li kienu negozju li sar bejn il-partijiet li permezz tieghu s-socjeta' attrici kellha tissuplixxi hamsin terminal u software ghal tlett xhur b'dana illi jekk jirrizulta sodisfacenti, is-socjeta' konvenuta kellha taccetta erba' mija u hamsin terminal ohra. Is-socjeta' konvenuta tterminat il-ftehim. Is-socjeta' attrici tghid li ma kellhiex raguni taghmel dan waqt li s-socjeta' intimata ssostni l-kontra.

Il-Qorti tibda biex issostni l-principju li huwa l-kuntratt ta' bejn il-partijiet (Dok. A), li ghandu jregi f'din il-materja, pacta sunt servanda, u ghalhekk sa fejn ma hemmx ambigwita' ma jezistix lok ghall-interpretazzjoni.

"L-Onorabbli Qorti tal-Appell imbaghad fis-sentenza taghha tal-5 t'Ottubru 1998 fil-kawza fl-ismijiet "**Gloria mart Jonathan Beacon et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines**" irriteniet illi:

*"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*."

Il-partijiet fil-ftehim ta' bejniethom qablu illi:

"*In the event of an unsatisfactory outcome to the pilot project (determined by the criteria of : MTBF less than 3 years, and/or non compliance with agreed specifications) it is understood and agreed that CSL will be entitled to return the 50 terminals supplied under the pilot project scheme, without any obbligation or charge, and also consider the entire order as cancelled*."
Ghalhekk il-materja hija essenzjalment ta' natura teknika u ghalhekk il-Qorti hatret specjalista fil-materja biex jassistiha.

Jirrizulta illi l-Inginier Paul Debono wasal ghall-konkluzjoni li l-materjal provdut u cioe' it-"terminals did not meet the MTBF of 3 years." Il-kriterju kien wiehed ovvjament oggettiv, liema kriterju ma ntlahaqx, u dan skond l-istess espert.

"Mhux hekk biss imma l-Perit Gudizzjarju l-Inginier Debono mar oltre minn hekk u skond ir-rizultanzi tieghu anke li kieku kienu tlieta (3) u mhux erbgha (4) it-terminals difettuzi, xorta wahda kien ikun gie vjolat dan il-kriterju oggettiv tal-MTBF. Infatti, a fol. 12 tar-rizultanzi tieghu, huwa jghid *"thus the terminals using the criteria which was used by Dr. Babini himself to defend his product definitely fails to meet the three year MTBF figure even if we take 3 faults and not 4, 1.39 years would simply be multiplied by 4/3 to get an MTBF of 1.85 years"* – 'il boghod mit-tlett snin pattwiti bejn il-partijiet."

Ta' min jinnota li ghar-rigward tar-rapport tal-espert, la ntalbet eskussjoni u lanqas ma ntalbet il-hatra ta' periti perizjuri.

Il-Qorti tifhem illi, f'dawn ic-cirkostanzi, irid ikun hemm ragunijiet gravi u serji sabiex jigu b'xi mod skartati l-konkluzjonijiet ta' espert mahtur mill-istess Qorti. Il-Qorti hawn tirreferi ghas-sentenza fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Farrugia vs Williams" (28 ta' Jannar 2005).

Rat il-verbal tal-4 ta' Gunju, 2002, li permezz tieghu, is-socjeta' intimata rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha.

Rat il-verbal tal-24 ta' Frar, 2004, li permezz tieghu din il-Qorti diversament presjeduta hatret lill-Inginier Paul Debono biex jirrelata dwar din il-kawza.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici.

L-ispejjez jithallsu mill-istess socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------